MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 468/2007

Ronald **AZZOPARDI** personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Sovereign Hotels Ltd.

vs

**IL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-25 ta' April, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ir-rikorrent *proprio* u *nomine* talab li din il-Qorti ssib (a) li hemm raġuni valida fil-liġi biex tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Numru 549/07 maħruġ kontih, fil-kwalita' tiegħu premessa, fit-12 ta' April, 2007, u (b) biex tħassar u tirexxindi l-imsemmi Mandat;

Rat it-Tweġiba imressqa mill-intimat fid-9 ta' Mejju, 2007, li biha laqa' għat-talbiet tar-rikorrent *proprio u nomine* billi qal li minħabba li l-mertu ta' din il-kawża jixbah lil dak ta'

kawża oħra bejn l-istess partijiet (Rikors Numru 469/07RCP) jkun jixraq li din il-Qorti ssejjaħ quddiemha u tisma' wkoll dik il-kawża. Laqa' billi qal li t-talbiet tar-rikorrent m'humiex mistħoqqa għaliex għalkemm kien hemm ftehim ta' ħlasijiet milħuq mar-rikorrent *proprio* u *nomine* f'Ottubru tal-2006, dak il-ftehim kien jiddependi mill-fatt li r-rikorrent kellu jħallas fil-ħin ir-rati miftehma f'dak il-kuntratt, u li f'każ li r-rikorrent *proprio* u *nomine* jonqos li jżomm kellmtu, l-bilanċ kollu seta' jintalab f'salt. Żied jgħid li t-titolu eżekuttiv tal-ammont mitlub inħoloq bis-saħħa ta' ittra uffiċjali maħruġa f'Jannar tal-2005, u l-ftehim li sar kien maħsub li jwettaq dak it-titolu u mhux jidħol minfloku. Temm jgħid li ladarba r-rikorrent ma ħallas xejn minn dak miftiehem, ir-rikorrent *proprio* u *nomine* ma jistax jibqa' jgħid li t-titolu eżekuttiv ma jiswiex iżjed;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Mejju, 2007[1], li bih ordnat li jinġieb u jinstema' quddiemha r-Rikors Numru 469/07 fl-ismijiet "*Ronald Azzopardi personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Crown Hotels Ltd. vs Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni*", għall-finijiet tal-artikolu 792 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2007, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' Mandat Eżekuttiv għall-finijiet tal-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimat talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru

[1] Paġ. 24 tal-proċess

Eżekuttiv[2] kontra r-rikorrent *proprio* u *nomine* għas-somma ta' Lm 530,665 fi flus ta' qabel[3] taħt titolu eżekuttiv kostitwit b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Jannar, 2005. Ir-rikorrent *proprio* u *nomine* qiegħed jgħid li dak il-Mandat għandu jitwaqqa' ladarba kien sar ftehim ta' ħlas bejnu u bejn l-intimat f'Ottubru tal-2006;

Illi l-intimat jikkontesta t-talbiet tar-rikorrent *proprio* u *nomine* għax jisħaq li l-Mandat inħareġ sewwa fuq titolu eżekuttiv li għadu fis-seħħ u li l-ftehim li sar f'Ottubru tal-2006 ma ġabx fix-xejn l-imsemmi titolu eżekuttiv. Minbarra dan, ir-rikorrent *proprio* u *nomine* lanqas biss wettaq il-ftehim għaliex m'għamel l-ebda ħlas;

Illi mill-fatti rilevanti li jirrigwardaw il-każ jirriżulta li fil-15 ta' Novembru, 2004, intbagħat avviż[4] mill-intimat lir-rikorrent għall-finijiet tal-artikolu 23(7) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta biex jitolbu jħallas Lm 530,665 f'taxxa tal-*FSS*, Sigurta' Soċjali u taxxa addizzjonali dovuta fuqhom. Fl-14 ta' Jannar, 2005, intbagħtet ittra uffiċjali[5] għall-imsemmi ammont. Ir-rikorrent laqa' n-notifika tal-ittra uffiċjali fid-19 ta' Jannar, 2005. Fl-10 ta' Ottubru, 2006[6], sar ftehim bejn ir-rikorrent f'ismu personali u f'isem il-kumpannija Sovereign Hotels Ltd. u l-intimat għall-ħlas ta' somma ta' Lm 567,757 fi flus ta' qabel[7] in konsiderazzjoni ta' ħlasijiet dovuti bejn is-snin 1995 u Settembru tal-2006. Il-ftehi kien jgħid li r-rikorrent *proprio* u *nomine* kellu jħallas rati ta' Lm 12,106[8] kull xahar b'seħħ minn Novembru tal-2006. Dak inhar ukoll, saru tliet (3) ftehim oħrajn f'isem kumpanniji oħrajn rappreżentati mir-rikorrent[9]. Fit-12 ta' April, 2007, inħareġ il-Mandat Eżekuttiv. Fil-25 ta' April, 2007, infetħet din il-kawża;

Illi minn dak li joħroġ mill-atti u x-xhieda, ma jirriżultax li r-rikorrent *proprio* u *nomine* b'xi mod ikkontesta bi proċeduri

---

[2] Numru 549/07 (Dok "RA1", f'paġġ. 4 sa 11 tal-proċess)
[3] Li jġibu l-ekwivalenti ta' €1,236,117 fi flus tal-lum
[4] Paġ. 9 tal-proċess
[5] Paġ. 7 tal-proċess
[6] Dok "Ċ", f'paġ. 12 tal-proċess
[7] Li jġibu l-ekwivalenti ta' € 1,322,518
[8] Li jġibu l-ekwivalenti ta' € 28,199.39
[9] Dokti "D", "E" u "F", f'paġġ. 13 – 5 tal-proċess

ġudizzjarji xierqa dak li ntalab iħallas kemm fl-avviż tal-2004 u kif ukoll fl-ittra uffiċjali tal-2005;

Illi huwa xieraq li l-Qorti tippreċiża li l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin ma' dan il-każ iridu jibqgħu marbutin mal-proċedura li r-rikorrent ressaq quddiemha. Tajjeb li wieħed jistabilixxi minnufih in-natura tal-azzjoni mibdija mir-rikorrent. Dan jingħad għaliex għalkemm ir-Rikors ma tressaqx fl-Att tal-Mandat ta' Sekwestru li għalih jirreferi, u minkejja li ma jsemmi qatt id-dispożizzjoni tal-liġi li taħtha tressaq, jidher ċar (kemm mill-premessi, iżda iżjed mit-talbiet) li t-talbiet huma immirati għat-tħassir tal-Mandat Eżekuttiv maħruġ kontra r-rikorrent. Jiġifieri, li l-kawża tal-lum hija regolata bl-artikolu 283A tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Illi dan ifisser li r-rikorrent m'huwiex qiegħed jattakka t-titolu eżekuttiv, iżda l-att eżekuttiv fis-sura tal-Mandat li l-intimat ħareġ kontrih biex jesegwixxi dak it-titolu. Huwa loġiku u aċċettat li bejn iż-żewġ għamliet ta' oppożizzjoni hemm distinzjoni mhux traskurabbli[10]. Dan jingħad għaliex fil-proċedura li għandha quddiemha llum din il-Qorti, l-eżami li jrid isir huwa marbut ma' l-aċċertament ta' irregolaritajiet formali tal-att eżekuttiv innifsu u mhux ukoll tal-mertu li bis-saħħa tiegħu jkun inħareġ l-istess att eżekuttiv;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tqis dik ix-xhieda mressqa mill-partijiet fejn tkellmu dwar kif inħadem l-ammont li ssemma fl-avviż u fl-ittra uffiċjali li saru titolu eżekuttiv. Lanqas ma tista' tikkonsidra, f'dan l-istadju, jekk kienx sewwa li l-ammont mitlub intefa' (wkoll) fuq ir-rikorrent personalment. Li kieku r-rikorrent deherlu li l-ammonti mitlub fl-avviż u fl-ittra uffiċjali ma kinux tajbin, kien seta' u messu ħa l-proċeduri ġudizzjarji f'waqthom biex jattakka dak lilu mitlub mill-intimat. L-istess jingħad kieku deherlu li hu ma kellux jitgħabba bit-talba fil-kwalita' tiegħu personali. Irriżulta li dan m'għamlux. Għalhekk, għall-finijiet kollha, l-ittra uffiċjali irrendiet l-ammont mitlub fl-avviż bħala titolu eżekuttiv;

[10] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-***Atti tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet Awtorita' Marittima ta' Malta vs Polidano Bros. Ltd.***

Illi r-rikorrent qiegħed jgħid, madankollu, li hemm raġuni valida skond il-liġi li biha l-Mandat eżekuttiv maħruġ kontrih jista' jitħassar u jfisser b'dan dik li "fosthom (i.e. raġunijiet) li t-titolu eżekuttiv imsemmi fl-istess Mandat m'għadux aktar validu". Jiġifieri, qiegħed **jattakka l-att eżekuttiv** billi jressaq l-argument li **t-titolu eżekuttiv** li bis-saħħa tiegħu nħareġ l-att eżekuttiv m'għadux iżjed fis-seħħ. Huwa jgħid li dan seħħ għaliex it-titolu eżekuttiv twaqqa' hekk kif sar il-ftehim f'Ottubru tal-2006. Jidher li r-rikorrent qiegħed jimplika, mhux li t-titolu eżekuttiv ma kien qatt jgħodd, imma li seħħet novazzjoni b'obbligazzjoni ġdida li qatlet l-obbligazzjoni ta' qabel li kienet titolu eżekuttiv kontrih;

Illi hawnhekk il-Qorti trid iżżomm ma' dak li qalet aktar qabel dwar l-istħarriġ li jista' jew ma jistax isir dwar il-mertu tat-titolu. Iżda jeżistu ċirkostanzi wkoll fil-parametri tal-istħarriġ taħt l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 fejn il-kwestjoni ta' jekk it-titolu (li l-validita' tiegħu ma hix attakkata) eżekuttiv ikunx għadu fis-seħħ. Dan jirriżulta, per eżempju, fejn it-titolu jkun ilu iżjed minn għaxar snin li nkiseb u ma reġax ġie mġedded[11] jew fejn il-Mandat jinħareġ bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv dwar dejn kanonizzat fejn id-debitur iseħħlu juri li kien ħallas il-kreditu. Fiż-żewġ ċirkostanzi, it-titolu eżekuttiv ikun tnissel sewwa, imma, minħabba ċirkostanzi li jkunu seħħew wara, jkun tilef l-effikaċja tiegħu. Fiż-żewġ ċirkostanzi wkoll, l-att eżekuttiv li jinħareġ bis-saħħa ta' titolu bħal dak jista' jkun perfett fit-tfassila tiegħu kemm mad-daqqa t'għajn u kif ukoll f'dak li titlob il-liġi għas-siwi tiegħu. Din il-Qorti hija tal-fehma li, f'każijiet bħal dawn, għandha tistħarreġ is-siwi ta' att eżekuttiv maħruġ fuq is-saħħa ta' titolu bħal dak ukoll fl-ambitu ta' proċedura mibdija taħt l-artikolu 283A tal-Kodiċi għaliex ċirkostanza bħal dik tikkwalifika bħala r-"raġuni valida skond il-liġi" li tissemma fl-istess artikolu;

Illi l-Qorti sejra għalhekk tqis l-argument tar-rikorrent, f'dawn il-limiti appena mfissra, għaliex jidhrilha li l-

[11] Art. 258(a) tal-Kap 12

kwestjoni tista' tolqot l-effikaċja attwali tat-titolu eżekuttiv li fuqu nħareġ il-Mandat ta' Sekwestru impunjat;

Illi n-novazzjoni li għaliha jirreferi r-rikorrent *proprio* u *nomine* hija dik maħsuba fl-artikolu 1179(a) tal-Kodiċi Ċivili. In-novazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet marbuta f'obbligazzjoni iħassru dik ir-rabta b'oħra ġdida minflokha;

Illi hija r-rieda tal-liġi li n-novazzjoni trid tidher ċar mill-fehma tal-partijiet li jikkuntrattawha, u ma tistax tiġi preżunta[12]. Biex isseħħ in-novazzjoni, l-obbligazzjoni l-qadima trid tinqatel u mhux sempliċement titbiddel[13]. F'każ ta' dubju, in-novazzjoni tiġi eskluża[14]. Huwa aċċettat li l-elementi meħtieġa biex isseħħ novazzjoni oġġettiva ta' obbligazzjoni huma (a) l-eżistenza ta' obbligazzjoni preċedenti li (b) għaliha tidħol obbligazzjoni ġdida li tħassar, u mhux biss timmodifika jew tibdel[15], 'il ta' qabilha b'mod li ż-żewġ obbligazzjonijiet ikunu inkompatibbli ma' xulxin[16]. Huwa meħtieġ ukoll li jintwera li (ċ) partijiet li joħolqu l-obbligazzjoni novanti jkollhom il-kapaċita' li jikkuntrattaw[17] u li (d) kellhom il-fehma li jħassru obbligazzjoni billi jibdluha ma' oħra ġdida[18]. Dwar dan l-aħħar element, m'huwiex biżżejjed li parti waħda kellha l-*animus novandi*, biex isseħħ in-novazzjoni, għaliex dik il-fehma trid tintwera li tkun ukoll fil-parti kontraenti l-oħra[19];

Illi lanqas ma huwa biżżejjed biex jingħad li seħħet novazzjoni, li jkun intlaħaq ftehim ġdid dwar xi aspett aċċessorju tal-obbligazzjoni, għaliex b'dan ma tkunx inqatlet l-obbligazzjoni ta' qabel, imma tkun seħħet biss bidla fl-implimentazzjoni jew l-estent tagħha[20]. Fis-sustanza, f'ċirkostanza bħal din, l-obbligazzjoni oriġinali tkun tħalliet fis-seħħ[21]. Kemm hu hekk, il-fatt li tkun

---

[12] Art. 1180(2) tal-Kap 16
[13] Art. 1181(1) tal-Kap 16
[14] App. Ċiv. **6.6.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi et noe vs Ennis*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.169**)
[15] App. Ċiv. **25.5.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Koludrovich vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XL.i.204**)
[16] P.A. **10.10.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino vs Casinġena et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.657**)
[17] Art. 1180(1) tal-Kap 16
[18] App. Inf. **22.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Joanna Briffa vs Bernard Gauċi et***
[19] App. Ċiv. **27.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo Randon vs Vella Gera*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.229**)
[20] App. Inf. **22.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***John's Garage Limited vs Nicholsons The Supermarket Ltd.***
[21] P.A. **22.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.142**)

ingħatat fakulta' lid-debitur li jibdel jew itawwal iż-żmien tal-ħlas, ma jfissirx li b'hekk tkun saret novazzjoni[22], għaliex l-obbligazzjoni ewlenija ma tkunx tneħħiet, imma għall-kuntrarju, il-bdil jew estensjoni taż-żmien jippreżumu l-obbligazzjoni;

Illi huwa minnu li l-aqwa prova li tkun seħħet novazzjoni hija ftehim miktub li jesprimi l-ħolqien ta' obbligazzjoni ġdida minflok waħda oħra ta' qabilha. Imma tista' sseħħ novazzjoni billi tinħoloq obbligazzjoni ġdida li ma tkunx formalizzata fi ftehim miktub. F'ċirkostanza bħal din, allura, l-piż tal-prova li tkun inħolqot obbligazzjoni ġdida huwa wieħed aqwa, għaliex irid jintwera li fil-fatt kien hemm ftehim ġdid u li kien hemm il-fehma tal-partijiet li taqbel li jkun hemm tali ftehim ġdid. Dwar dan ingħad li ma hemmx għalfejn li l-*animus novandi* jkun espress, sakemm jirriżulta kjarament[23];

Illi fil-każ preżenti u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li għadhom kemm saru, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ftehim tal-10 ta' Ottubru, 2006, ma kienx ħlief mod miftiehem tal-eżekuzzjoni tal-kreditu kostitwit bit-titolu eżekuttiv "kanonizzat" bl-avviż u bl-ittra uffiċjali li ma ġewx kontestati. Kien ftehim li ta lir-rikorrent il-benefiċċju li jissalda lkreditu kanonizzat bil-benefiċċju taż-żmien għall-ħlas dment li jħares il-kundizzjonijiet ta' dak il-benefiċċju. Dak il-ftehim ma jsemmi bl-ebda mod li kien qiegħed iġib fix-xejn il-kreditu li jifforma l-mertu tat-titolu eżekuttiv, imma, għall-kuntrarju, jirreferi sewwasew għal dak il-kreditu u għas-snin li għalihom jirreferu l-avviż u l-ittra uffiċjali. Fuq kollox, mill-atti tal-kawża, jirriżulta li jonqos għal kollox il-kunsens tal-kontroparti biex teqred il-kreditu oriġinali kanonizzat u tibdlu b'ieħor ġdid minfloku;

Illi r-rikorrent ma jsemmi l-ebda raġuni oħra li għaliha din il-Qorti jmissha tħassar il-Mandat eżekuttiv maħruġ kontrih;

Illi għalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti, marbutin ma' xulxin kif inhuma, ma jirriżultawx mistħoqqa;

[22] App. Kumm. **15.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Grixti*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.74**)
[23] App. Ċiv. **12.6.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Brincat et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.499**)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent *proprio* u *nomine*,** bl-ispejjeż kontrih, billi ma ngħatat l-ebda raġuni tajba biżżejjed fil-liġi biex din il-Qorti tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 549/07 maħruġ kontrih fit-12 ta' April, 2007.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------